# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru : 261/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MC**

**u**

**SC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' MC u SC, datat 22 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija wiehed u disghin (1991);*

*Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri data sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) liema kuntratt gie emendat permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana data hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) [Dok A u Dok B].*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin u qatt ma regghu rrikoncljaw.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi*

*minnbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom stante d-dar giet transferita permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutara Dr Sylvana Borg Caruana hawn fuq indikat;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC xehed (vide affidavit fol 32)** illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-18 ta' Mejju 1991, li minn dan iz-zwieg kellhom tifel, illum magorenni. Xehed illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar is-27 ta' Gunju 2017. Iddikjara illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess.

**SC** xehdet (vide affidavit fol 33) u kkollaborat u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 1991, liema zwieg jgib c-certifikat numru 650/91 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 37), u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-27 ta' Gunju 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri (vide Dok A, a fol 3 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 650/91 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes ghandhom jigu divizi bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**